MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2008

Appell Civili Numru. 1012/2007/1

**Pauline Vella Moran armla minn Louis Vella**

**v.**

**Paul Abela**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'rikors pprezentat quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-1 t'Ottubru 2007, u mahluf mir-rikorrenti gie premess illi l-attrici hija proprjetarja ta' nofs indiviz tal-fond 8, Triq Guzeppe D'Arena, Ghaxaq, u uzufruttwarja tan-nofs

indiviz l-iehor li kien proprjeta` tal-mejjet zewgha Louis Vella; illi bis-sahha ta' skrittura ta' l-20 ta' Jannar 2006, redattata min-Nutar Pierre Cassar, kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala dokument A, hija kkoncediet lill-konvenut, biex jorqod fil-fond imsemmi minghajr ebda titolu ta' okkupazzjoni fuq il-fond u meta trid l-istess fond, huwa ghandu jizgombra; illi b'ittra tat-13 ta' April 2007, li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala dokument B, il-konsulent legali tal-mittenti, informa lill-intimat Paul Abela, illi huwa ghandu jizgombra mill-fond sa mhux iktar tard mill-1 ta' Gunju 2007; illi minkejja dan, l-intimat ma telaqx mill-fond u b'ittra ufficjali tat-8 ta' Gunju 2007, li kopja taghha qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala dokument C, huwa gie mitlub biex jizgombra mill-istess fond, gialadarba huwa m'ghandu l-ebda titolu ghall-istess fond; illi l-konvenut Paul Abela minkejja li huwa ma jgawdi ebda titolu kwalsiasi fuq l-istess fond, qed jirrifjuta li jikkonsenja l-istess cavetta u ghalhekk il-fond innifisu lill-attrici; illi fic-cirkostanzi tal-kaz jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikoli 167/170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex dan ir-rikors jigi deciz bid-dispensa tas-smigh billi l-konvenut m'ghandu ebda eccezzjoni valida fil-ligi xi jressaq kontra t-talba tal-attrici ghall-konsenja minnu lilha tac-cavetta u l-pussess battal ta' l-imsemmi fond 8, Triq Guzeppi D'Arena, Ghaxaq; illi l-attrici taf personalment il-fatti ghal dak li jirrigwarda dak kollu premess; dwar dan jistriehu wkoll fuq ix-xhieda ta' dawk il-persuni kollha indikati fil-lista tax-xhieda annessa ma' dan ir-rikors; illi ghalhekk l-attrici talbet li l-konvenut jghid, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, u ghar-ragunijiet premessi u kif dispensata mis-smigh tal-kawza a tenur ta' l-Artikolu 167/170 ghaliex dik il-Qorti m'ghandhiex:

"(i) tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba ta' l-atturi bid-dispensa tas-smigh tar-rikors ai termini ta' l-Artikoli 167/170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

"(ii) tikkundanna lill-konvenut sabiex f'terminu qasir u perentorju u li jigi lilu prefiss minn din il-Qorti jikkonsenja lill-attrici c-cavetta u l-pussess battal tal-fond numru 8, Triq Guzeppi D'Arena, Ghaxaq stante li dawn jinsabu f'idejh bla ebda titolu legali u konsegwentement jirrilaxxja

l-istess immobbili bhala liberi u bil-pussess battal favur l-attrici.

"Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra legali tat-13 ta' April 2007, u ta' l-ittra ufficjali tat-8 ta' Gunju, 2007 u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni."

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta' Novembru 2007, quddiem l-ewwel Qorti meta dik il-Qorti wara li semghet lill-konvenut u lid-difensur tieghu Dr Graziella Bezzina, ddikjarat li l-konvenut ma ppruvax li kellu eccezzjonijiet *prima facie* x'jaghti, kemm fil-fatt u fid-dritt skond id-disposizzjonijiet tal-ligi sabiex jikkontesta l-azzjoni attrici u ghaddiet biex tippronunzja s-sentenza fejn irriteniet li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispensa tas-smigh tal-kawza, skond il-procedura ta' l-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, dik il-Qorti, iddecidiet il-kawza, billi laqhat it-talba tar-rikorrenti, b'dan illi:

(ii) ikkundannat lill-konvenut sabiex f'terminu qasir u perentorju ta' sittin (60) gurnata minn dak inhar tas-sentenza jikkonsenja lill-attrici c-cavetta u l-pussess battal tal-fond numru 8, Triq Guzeppi D'Arena, Ghaxaq stante li dawn jinsabu f'idejh bla ebda titolu legali u konsegwentement jirrilaxxja l-istess immobbili bhala liberi u bil-pussess battal favur l-attrici.

"Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali tat-13 ta' April, 2007 u ta' l-ittra ufficjali tat-8 ta' Gunju, 2007 kontra l-intimat."

**L-appell tal-konvenut.**

Il-konvenut hassu aggravat bis-sentenza fuq riportata u b'rikors intavolat fil-21 ta' Novenbru 2007, talab li din l-Qorti joghgobha tirrevoka u thassar is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fuq imsemmija u tiddeciedi billi tichad it-talbiet attrici msemmija fir-rikors guramentat

promotur u tordna li l-atti jigu rinvijati lill-Qorti ta’ Prim Istanza u taghti kwalunkwe provvediment iehor li din l-istess Qorti jidhrilha xieraq u opportun, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici rikorrenti.

Mar-rikors ta’ l-appell gew ezibiti kuntratt ta’ dikjarazzjoni *Causa Mortis* maghmul minn Concetta Abela, omm il-konvenut, fid-9 ta’ Awissu, tas-sena elfejn u sitta, in atti Nutar Joseph Henry Saydon markat Dokument X [fol 33] u kuntratt iehor ta’ l-ewwel ta’ Novembru, tas-sena elfejn u sebgha, ukoll in atti Nutar Joseph Henry Saydon, Dokument X1 [fol 35] li permezz tieghu l-komparenti Concetta Abela ikkoncediet lil Paul Abela, binha, id-dritt ta’ abitazzjoni gratuwita, ghal dak li jirrigwarda is-sest (1/6) indiviz li hi tippossjedi, tad-dar numru tmienja (8), “Villa Velmor”, Giuseppe D’Arena Street, Ghaxaq – liema fond huwa l-meritu tal-kawza ta’ zgumbrament f'dana l-appell.

L-appellata Pauline Vella Moran intavolat risposta fejn, ghar-ragunijiet hemm moghtija, talbet li s-sentenza appellata tigi konfermata billi hija gusta.

**L-aggravji mressqa mill-appellant.**

Fir-rikors ta’ l-appell tieghu Paul Abela ressaq zewg aggravji u cioe`:-
a) in-nullita` tas-sentenza appellata billi ma gewx osservati l-provvedimenti ta’ l-Artikolu 169 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

b) illi l-konkluzjoni ta’ l-ewwel Qorti li l-appellant ma kellux eccezzjonijiet *prima facie* x’jaghti sabiex jikkontesta l-azzjoni attrici, hija erroneja.

**Ikkunsidrat:**

Dwar l-ewwel eccezzjoni qed jigi sottomess li l-ewwel Qorti naqset tosserva dak li jipprovdi l-Artikolu 169 tal-Kap. 12 billi l-kawza, li giet istitwita bil-procedura sommarja, giet appuntata f’terminu anqas minn hmistax-il jum mid-data tan-notifika ta' l-istess konvenut. Dan qed

jinghad billi skond ir-riferta a fol. 16 *tergo*, jirrizulta li l-konvenut gie notifikat fid-29 [u mhux fit-30 kif ighid l-appellant] ta’ Ottubru 2007, mentri l-kawza gie appuntata ghas-seduta ta’ l-1 ta’ Novembru, 2007.

Dan l-aggravju izda ma jidhirx gustifikat billi jirrizulta li fl-udjenza ta’ l-1 ta’ Novembru 2007, il-konvenut kien prezenti u debitament assistit mid-difensur tieghu. Dakinhar stess giet sollevata eccezzjoni u l-istess konvenut inghata d-dritt li jixhed in sostenn ta’ din l-eccezzjoni. Fic-cirkostanzi japplika dak li jinghad fit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 169 fejn hemm provdut espressament hekk: “*Izda <u>fin-nuqqas ta’ osservanza tad-disposizzjonijiet ta’ dan l-artikolu</u>* [enfazi tal-Qorti] *il-Qorti ma ghandhiex tieqaf timxi bi procediment sommarju specjali izda, ghandha taghti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa biex id-drittijiet tal-partijiet ma jigux pregudikati.*” Minn dak li nghad hawn fuq jidher li l-konvenut bl-ebda mod ma gie pregudikat tant hu hekk li huwa deher fl-udjenza, issolleva l-eccezzjoni li deherlu li kienet relevanti in kontestazzjoni tat-talba attrici u sahansitra xehed *in estenso* dwar id-dritt minnu vantat. Kien dakinhar, wara li l-Qorti ta’ Prim Istanza hadet konjizzjoni tax-xhieda tal-konvenut, li ddikjarat li “*Peress li l-Qorti thoss li l-konvenut ma ppruvax li ghandu eccezzjonijiet “prima facie” x’jaghti kemm fil-fatt u fid-dritt skond il-ligi sabiex jikkontesta l-azzjoni attrici. Il-Qorti qed tilqa’ t-talba kif dedotta u qed taghti s-sentenza skond il-ligi.*”

Dan l-aggravju ghalhekk mhux gustifikat.

**Ikkunsidrat:**

Dwar it-tieni aggravju, li jikkoncerna l-mertu, jigi osservat li hawn il-konvenut qed jivvanta titolu ta’ abitazzjoni in forza tal-kuntratt ta’ l-1 ta’ Novembru 2007, in atti Nutar Joseph Henry Saydon hawn fuq imsemmi. Dwar dan jista’ jinghad zewg affarijiet: fl-ewwel lok jigi rilevat li l-kuntratt imsemmi gie pubblikat <u>dakinhar li inghatat is-sentenza mill-ewwel Qorti</u> u konsegwentement il-konvenut, dakinhar, ma seta’ qatt jivvanta xi titolu a tenur ta' l-imsemmi kuntratt – infatti fix-xiehda moghtija mill-konvenut fl-udjenza ta’ l-1 ta’

Novembru 2007, dan il-kuntratt jew pretiz dritt langas biss ma jissemma'. Fit-tieni lok jigi osservat li fir-rikors ta' l-appell tal-konvenut ma ntalabx li jigi revokat id-digriet tal-Qorti ta' Prim Istanza tal-1 ta' Novembru 2007, u ghalhekk l-istess konvenut ma ghandu ebda dritt li jressaq xi provi, anke f'dan l-istadju, dwar xi dritt allegat. Ghal din ir-raguni din il-Qorti qieghda tordna li d-dokumenti fuq imsemmija, Dok X u Dok X1, li jinsabu 33 sa 36 tal-process, jigu sfilzati.

Billi ma ingiebet ebda raguni valida in sostenn ta' l-appell tal-konvenut din il-Qorti qieghda tichad l-appell tieghu u tikkonferma s-sentenza appellata b'dana li t-terminu ta' sittin jum moghti fis-sentenza appellata ghall-konsenja lill-attrici tac-cavetta u l-pussess battal tal-fond in kwistjoni, jibdew jiddekorru mil-lum. Fic-cirkostanzi l-ispejjez ta' dan l-appell ghandu jbatihom il-konvenut appellant u billi dan l-appell hu fieragh u vessatorju tordna li l-konvenut jhallas lill-appellata li spejjez ghal darbtejn a tenur ta' l-Artikolu 223(4) tal-kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------